MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 29/2003

Il-Pulizija
(Spettur L. Cutajar)
Vs
Michael Lungaro
Paul Lungaro

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-ahhar xhur (qabel it-22 ta’ Gunju, 1995) bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, hargu vettura minn garage li jinsab fi Triq Antonio Micallef, Zejtun u okkupaw l-istess garage u dan ghad dannu ta’ Salvino Lungaro li joqghod ‘Salemon’ Triq Sant’Antnin, M’Xlokk.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Frar, 2003, li biha wara

li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 u Artikolu 9 tal-Kap. 152, illiberathom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett xhur u ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 ordnat lill-imputati jesegwixxu x-xogholijiet necessarji fi zmien erba xhur sabiex jirrendu l-propjeta' fi stat prestinu taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-18 ta' Frar, 2003 li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberahom minn kull akkuza w htija kontra taghhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' illi ebda wahda mit-tlitt elementi illi jridu jigu pruvati sabiex tinstab htija f'dan il-kaz ta' ragjon fattasi ma gie sodisfatt ; li ma kienx hemm oppozizzjoni ghall-agir tal-appellanti mill-kwerelant anzi dan kien ta c-cavetta biex sar dak li sar u l-appellant Michael Lungaro qatt ma seta' kellu l-hsieb li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu ghax "ippretenda" li kellu dritt , ghaliex dak id-dritt fil-fatt kien inghata lilu bic-cavetta ; li l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox din il-prova ; Li fil-kaz tal-appellant Paul Lungaro kull ma ghamel kien li ghen lil huh Michael Lungaro jbattal il-garage u ma kellux il-"mens rea" . Illi l-fatt li l-kwerelant ma hax azzjoni biex jopponi ghall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar huwa ndikattiv tal-kunsens tieghu ; Li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qalet fis-sentenza appellata illi fix-xiehda taghhom quddiem il-perit l-appellanti kienu qalu li huma kellhom awtorizzazzjoni minnghand l-eredi kollha ghajr il-kwerelant Salvino Lungaro ghax dan ma jirrizultax mill-process; li ma jirrizulta minn imkien fil-process illi l-appellant Michael Lungaro jippretendi li mid-divizjoni minn ma hutu ser izomm l-appartament u l-garage sottostanti ; li ma hemm ebda ness bejn il-kawza kriminali ta' ragjon fattasi u dik civili ta' divizjoni.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 t' April, 2003 li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu illi kull riferenza li ghamel ix-xhud Salvino Lungaro ghal dak li suppost qaltlu bintu

Dianne Grech , hija “hearsay evidence” u ladarba din ix-xhud ma xehditx fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti , m’ghandux jittiehed kont ta’ dak li suppost qalet;

Semghet ix-xiehda tal-kwerelant Salvino Lungaro w tal-appellant Michael Lungaro;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Li l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kif irrizultaw quddiem din il-Qorti kienu s-segwenti :- L-ahwa Lungaro kienu bnew flats u garage fuq proprjeta’ li kien halla missierhom fi Triq Antonio Micallef fiz-Zejtun u dan wara mewtu fil-1995. Skond Salvino Lungaro hu kien ilu jpoggi l-car tieghu , gageg , seats tal-minibus fil-garage ghal madwar 25 sena . Ma kienetx saret qasma bil-kuntratt . Darba minnhom sab li c-cavetta ma kienetx taqbel u kien mar ghand l-Avukat . Fil-kors tal-kawza , meta l-Magistrat kienet qalet lill-appellant biex jatih ic-cavetta, dan kien tah cavetta li xorta ma fethitx. Sa’ meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti kien ghadu ma dahalx. Il-bieb tal-garage kien imbidel ma bieb u tieqa w allura issa ma jistax jidhol bil-karozza.

Fil-kontroezami , Salvino Lungaro xehed li ma jafx x’sar mill-affarijiet li kellu fil-garage . Cahad li kien hu stess li kien ta c-cavetta taz-zewg garages lill-appellanti . Hu kien ta cavetta tal-garage ta’ magemb dak in kwistjoni w bejn iz-zewg garages hemm id-dhul tal-flats . Hu minnu li huh Michael Lungaro kien ceda d-drittijiet tieghu fuq il-gestjoni tal-canteen tal-Isptar . Hu kien mar ghand l-avukat l-ghada jew il-pitghada li bintu Dianne Grech kienet qaltlu x’gara . Il-car kienu poggewhielu fit-triq tant li kienu marru ghandu l-Pulizija ghax riedet tghaddi l-purcissjoni tal-Ghid u dil-car kienet fin-nofs.

L-appellant Michael Lungaro xehed li l-ahwa kienu bnew wara l-mewt ta’ missierhom . Kienu ftehmu li l-canteen tal-Isptar jibghu jahdmuh hutu John u Salvino ghax hu kien

iggieled fil-hanut u telaq. Hu kellu l-flat ta' fuq il-garage u ghalkemm kellu access ghalih , hu qatt ma dahlilhom fih . Huh Salvino Lungaro kellu c-cwievet tal-erba garages u ta' zewg flats. Hu kien jinzel fil-bitha ta' wara t-tarag u seta' jidhol fil-garage ghax dan kien bla bieb , imma ma dahalx. Huh kien talbu li jaghmel "cold room" u hu kien talbu l-garage ta' tahtu w icedi sehmu mill-canteen. Fil-fatt huh kien tah zewg cwievet , wahda tal-garage tieghu w l-ohra ta' fejn kien izomm l-affarijiet . Kien tah ic-cavetta ta' fejn kellu l-car . Huh lanqas kien jaf x' kien hemm fil-garage ghax il-car kienet ilha hemm tlitt snin . Fil-Gimgha l-Kbira kien ilu sena zgur li tah ic-cavetta.
In kontro-ezami l-appellant Michael Lungaro sostna li kellu ftehim ma Salvino Lungaro li jpoggi l-affarijiet x'imkien iehor. Il-canteen hu kien cedieh bil-miktub izda fuq il-garage ma kienx sar ftehim bil-miktub. F' konfront li sar ma Salvino Lungaro , baqa' jsostni li ma kienx veru lil kien tah zewg cwievet.

L-appellant Paul Lungaro ma xehedx stante li ma kienx jirrizulta li xehed quddiem l-Ewwel Qorti .

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant li ma jirrizultawx l-elementi tar-reat ta' ragjon fattasi jinghid li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta ,li l-elementi kostituttivi tar-reat in dizamina taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgha w cioe' :-

a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l- oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
b) il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;
c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal- awtorita' pubblika ; u
d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi .
(ara Appelli Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Farrugia (17.2.1995) , "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" (6.6.1995) , "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri " (18.9.2002) u ohrajn.

Illi  mill-provi li saru quddiem din il-Qorti , ghax xi provi li saru quddiem l-Ewwel Qorti jew waqt l-access ma gewx traskritti , jidher li hemm konflitt serju fil-provi dwar jekk fil-fatt l-agir li l-appellanti qed jigu akkuzati bih , sarx kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta tal-kwerelant Salvinu Lungaro . Jigi precizat mill-ewwel li l-alterazzjonijiet li jirrizulta li saru fil-garage de quo u li bih dan il-garage gie konvertit  f'ambjenti t' abitazzjoni li tniffdu mall-flat sovrastanti okkupat mill-appellant Michael Lungaro, jezorbitaw ghal kollox mill-mertu ta' din il-kawza. Dan ghaliex dawn l-alterazzjonijiet saru sew wara li bdiet din il-kawza fit-22 ta' Gunju, 1995   . Di fatti skond ma jidher mill-"acknowledgement of Receipt of Application" tas-26 ta' Marzu, 1996 ghall-applikazzjoni biex ikunu jistghu isiru tali alterazzjonijiet , din giet registrata fid-19 ta' Frar, 1996 mill-appellant Michael Lungaro (Fol. 40 tal-process)  . Mit-timbru fuq il-pjanta a fol. 42 jidher li tali applikazzjoni giet approvata fit-2 t' April, 1996. Peress li l-akkuza tirriferi ghal  "dawn l-ahhar xhur" qabel id-data tal-hrug tac-citazzjoni fit-22 ta' Gunju, 1995 , kjarament li l-alterazzjonijiet  li rrizultaw li saru ma humiex mertu ta' din il-kawza . Del resto l-fatt allegatament  spoljattiv li jissemma fil-komparixxi hu limitat biss ghall-hrug ta' vettura mill-garage w okkupazzjoni tal-istess .

Fil-waqt li ma hemmx dubju li l-kwerelant Salvino Lungaro qed jopponi ghal tali alterazzjonijiet u li ladarba l-appellant Michael Lungaro kellu din il-kawza kontra tieghu diga, ma setax ma kienx jaf li l-kwerelant kien qed jopponi ghal tali alterazzjonijiet , l-istess ma jistax jinghid ghall-att allegatament spoljattiv originali li qed jigi addebitat lill-appellanti fil-komparixxi , kif appena deskritt.

Di fatti l-appellant Michael Lungaro jsostni li kien l-istess kwerelant li kien ikkonsenjalu c-cwievet tal-garage in kontestazzjoni w dana wara ftehim verbali li gie milhuq dwar il-pussess tal-imsemmi garage mal-istess kwerelant . Hu minnu li dan il-fatt hu michud mill-kwerelant Salvino Lungaro , pero'  fl-istat tal-provi quddiem din il-Qorti , jidher li hemm dubju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-appellanti.

Illi hija wkoll fondata s-sottomissjoni tal-appellanti meta jghidu li dak li hemm fis-sentenza appellata w cioe' li "mix-xiehda quddiem il-Perit l-imputati qalu illi huma kellhom awtorizzazzjoni minghand l-eredi kollha ghajr il-kwerelant Salvino Lungaro" ma hix korretta. Fl-ewwel lok ma tinsab ebda xhieda traskritta li setghet inghatat quddiem il-Perit Tekniku Fenech fil-process. Fit-tieni lok li qal il-Perit Fenech fir-relazzjoni tieghu kien testwalment dan :-

"B' hekk irid jigi dedott illi l-garage in kwistjoni gie okkupat mill-imputat Michael Lungaro
bl-ghajnuna tal-imputat l-iehor Paul Lungaro , qabel saret il-qasma , izda evidentement
bil-kunsens tal-partijiet kollha involuti , hlief Salvino Lungaro.."

Illi jidher car li din hija biss konkluzzjoni w opinjoni tal-perit tekniku w mhux registrazzjoni ta' xi ammissjoni da parti tal-appellanti, kif interpretatha l-Ewwel Qorti biex timmotiva s-sentenza u biex setghet tasal ghall-htija tal-appellanti.

Illi ghalhekk fl-istat tal-provi kif irrizultaw quddiem din il-Qorti hemm dubju ragjonevoli dwar l-ewwel element kostituttiv tar-reat in dizamina w cioe' li l-att spoljattiv ikun sar kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta tal-parti leza.

Fil-kaz tal-appellant Paul Lungaro umbaghad ma saret assolutament ebda prova ta' xi partecipazzjoni fl-att spoljattiv bl-animu w l-elementi intenzjonali necessarji biex jirrizulta dar-reat . In effetti l-garage kien gie okkupat mill-appellant l-iehor Michael Lungaro, li pero' qed isostni li tali okkupazzjoni saret wara li l-kwerelant kien tah ic-cavetta tal-istess garage.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din l-Qorti , salv kull dritt li l-kwerelant jista' jkollu civilment kontra l-appellanti jew min minnhom , partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-alterazzjonijiet li saru minghajr il-kunsens tal-ko-proprjetarji jew uhud minnhom fil-garage de quo w l-

approprjiazzjoni tal-istess mill-appellant Michael Lungaro , qabel ma sehhet divizjoni kontrattwali bejn il-ko-proprjetarji kollha , qed tilqa' l-appell taz-zewg appellanti w tirrevoka s-sentenza appellata  b'dan li l-appellanti qed jigu liberati minn kull imputazzjoni , provvediment skond l-artikolu 9 tal-Kap.152 u ordni  taht l-artikolu 377 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------